MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1311/2000/1

**Tanya mart Emmanuel Montesin f'isimha; u b'digriet tal-Qorti tat-23 t'Ottubru 2000 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* tas-sitt uliedha minuri Caroline, Roderick, Melvyn, Annalisa, Brandon u Ryan.**

**vs**

**Emmanuel Montesin**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ilhom mizzewgin tlettax il-sena u minn dan iz-zwieg kellhom sitt itfal li kollha ghadhom minorenni u li huma Caroline (tlettax-il sena) Roderick (tnax-il sena) Melvyn (ghaxar snin), Annalisa (hames snin), Brandon (sentejn) u Ryan (hames xhur);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi, u swat da parti tal-intimat oltre inkompatibilita ta` karattru u b'hekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Gunju 2000 bin-numru 803/00;

Illi l-istess attrici kienet ammessa ghall-beneficcju gratuitu biex tipprocedi bl-istanza odjerna b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 t'April 2000 immarkat Dok. “A” u esebit *'animo ritirandi'*;

Illi l-attrici qalet sabiex il-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Montesin u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-Emanuel Montesin:

(2) Tafda l-kura u kustodja tas-sitt uliedha kollha minorenni f`idejn l-attrici ;

(3) Tiffissa retta alimentarja xierqa ghall-attrici u ghal uliedha kollha minorenni;

(4) Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

(5) Tawtorizza lill-attrici u lil uliedha llkoll minorenni ad eskluzjoni tal-konvenut li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici Tanya Montesin pro et nomine a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebitit a fol. 5 sa 10 tal-process, fejn juru li l-attrici giet assenjata b'Dr. Renzo

Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala difensuri ghall-ghajnuna legali.

Rat ir-rikors ta’ Tanya Montesin a fol. 14 tal-process tas-26 ta’ Gunju 2000 b’liema rikors titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtarha kuratrici *ad litem* ta` uliedha minuri Caroline, Roderick, Melvyn, Annalisa, Brandon, Ryan fl-atti ta` din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-23 t’Ottubru 2000 fejn il-Qorti fin-nuqqas ta’ risposta laqghet it-talba u nnominat lir-rikorrenti kuratrici *ad litem* tal-minuri msemmija;

Rat ir-rikors ta’ Tanya Montesin *proprio et nomine* tat-18 ta` Jannar 2001 a fol. 17 tal-process fejn talbet bir-rispett illi din l-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-kawza fuq imsemmija issir bil-procedura tal-affissjoni u b’digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tat-23 ta’ Jannar 2001 li bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti b’dan li jigi segwit dak li hemm indikat fl-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta’ Frar 2001; tat-23 t’April 2001; tat-2 ta’ Lulju 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2001 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi.

Rat ir-rikors ta` Tanya Montesin li bih hija giet ammessa ghall-beneficcju gratuitu fejn talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

(a) tawtorizzaha tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha Emanuel Montesin;

(b) tavda l-kura u kustodja tal-imsemmija sitt uliedha kollha minorenni f`idejn l-esponenti;

(c) tiffissa ammont ta’ manteniment xieraq ghaliha u ghall-imsemmija sitt uliedha kollha minorenni;

(d) tawtorizzaha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali mal-imsemmija uliedha minorenni ad eskluzjoni ta` zewgha Emanuel Montesin;

(e) ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

(f) ghad-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevanti tal-Kodici Civili

Rat id-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili Sekond Awla ta' 1 ta` Gunju 2000 fejn il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi bil-kawza tas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors u ordnat illi l-ulied minuri ndikati fir-rikors jigu moghdijja fil-kura u kustodja tar-rikorrenti salv id-dritt ta` access ghalihom favur l-intimat b'mod liberu, kif jiftehmu l-partijiet bonarjament bejniethom u ordnat lill-intimat sabiex *pendenti lite* u quddiem din il-Qorti Civili Prim' Awla jhallas lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha s-somma ta` ghaxar liri u ghall-minuri msemmi s-somma ta' hamsin lira pagabbli kull hmistax-il gurnata bil-quddiem fir-residenza tar-rikorrenti liema manteniment ghandu jithallas direttament lir-rikorrenti minghand l-*employer* tal-intimat cioe l-Maltacom. *Inoltre* l-intimat huwa responsabbli jhallas l-arretrati kollha tal-kera dawl u ilma kif wkoll kontijiet futuri dwar l-istess servizzi. Illi l-Qorti astjeniet wkoll illi tipprovdi dwar ir-raba talba kif wkoll dwar l-ahhar zewg talbiet f'dak l-istadju.

Rat il-verbali tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tal-14 ta' Mejju 2002; tas-26 ta' Novembru 2002; tat-18 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi nghalqu fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex permezz ta' nota fi zmien hmistax-il gurnata tindika r-raguni taghha ghal tali separazzjoni flimkien mal-pretenzjonijiet taghha, fejn il-konvenut ghandu jipprezenta nota fejn jindika fejn ma jaqbilx.

Rat in-nota ta' sottimissjonijiet tal-attrici datata 5 ta' Marzu 2003 u dik tal-konvenut tal-14 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbal tal-1 t'April 2003 fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li jidher li llum it-tfal qeghdin kollha fl-istitut u jekk is-sitwazzjoni tibqa' hekk ma jidhirx li l-manteniment ghandu jibqa' jigi percepit. Dr. Renzo Porsella-Flores ghall-attrici spjega lill-Qorti li s-sitwazzjoni hija hekk illum peress li l-attrici kellha tircievi r-rizultati tat-testijiet din dik il-gimgha stess. Il-Qorti filwaqt li stiednet lill-partijiet biex b'mod dicenti jinfurmawha dwar is-sitwazzjoni attwali, iddeferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm pprezentati.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12,** il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.</u>

Illi kif gie awtorevolment deciz f`diversi sentenzi tal-Qrati il-kontumacja tfisser kontestazzjoni. (*vide* **"Giuseppe Wismayer noe vs Giovanni Magro"** tal-24 ta' Novembru 1934 (Vol.XXIX p.35) u **"Giuseppe Gerada vs Salvu Attard"** tas-6 ta` Novembru 1959 (Vol. XLIIC p.545) u **"Professur Joseph Saliba MBE.MD"**., **"DPH noe vs Dr. Antonio Bonnici B.Sc. MD."**, tas-6 ta` Novembru 1961 (Vol. XLVB p.336) u **"Salvino Mifsud Bonnici et noe vs Adrian Busietta"** (Vol. LXXIX 1995 Pt II Sez III Pt III p.1253) kif ukoll **"Mark Cardona vs Sarah Cardona"** Cit Nru 1656/98 RCP (P.A. tal-24 ta` Mejju 2000).

Illi dan japplika b'mod partikolari f'kawzi ta' separazzjoni bhal dik odjerna u f'dan il-kaz jidher li anke bil-kunsens tal-parti l-ohra l-konvenut deher fil-kawza u wkoll ghamel is-sottomissjonijiet tieghu anke *tramite* d-difensur tieghu

Dr. Daniela Chetcuti, kif jidher mill-verbal tal-ahhar seduta quddiem il-Qorti datata l-1 ra’ April 2003; jidher ukoll li l-istess konvenut permezz ta’ nota datata 14 ta’ Marzu 2003 (fol. 98) pprezenta l-pretensjonijiet tieghu fil-kawza u dan apparti li deher f’diversi seduti quddiem il-Qorti.

## (ii) Apprezzament tax-xhieda.

Illi qabel xejn din il-Qorti tinnota li kif jirrizulta mill-process dan mhux il-mod li jingabru l-provi fil-kawzi ta’ din in-natura u bizzejjed wiehed jinnota li l-attrici bdiet tressaq il-provi taghha biss wara sena u seba’ xhur minn meta hija istitwiet il-kawza, tant li l-kawza giet prezentata fis-26 ta’ Gunju 2000, u hija bdiet taghti x-xhieda taghha biss fit-28 ta’ Jannar 2002. Mhux hekk biss, izda *nonostante* li l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet l-attrici xehdet fl-istess seduta fuq indikata, u is-seduti tas-27 ta’ Frar 2002, 6 ta’ Marzu 2002, 16 ta’ Lulju 2002, u 8 ta’ Ottubru 2002 thassru tlieta minnhom mid-difensur tal-istess attrici; apparti dan fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2002 id-difensuri tal-partijiet iddecidew li ma jressqux provi ghaliex hemm verbalizzat li l-partijiet kienu qed jikkoltivaw possibbilta’ ta’ transazzjoni. Il-provi l-ohra kollha nzammu fis-seduta tat-13 ta’ Jannar 2003 u 31 ta’ Jannar 2003, u b’hekk jidher li f’terminu ta’ tlett (3) snin kienu saru biss tlett (3) seduti. Certament li dan ma huwiex il-mod kif l-partijiet u d-difensuri jressqu l-provi, u ghalhekk din il-Qorti qed taghmilha cara li mhux ser tittollera dan l-agir fil-kawzi quddiemha, u jekk it-termini dettata minnha mhux ser jigu rispettati ser jittiehdu l-passi kollha kontra min ikun responsabbli ghal dan in-nuqqas, *stante* li tali prokrastinazzjoni fl-opinjoni ta’ din il-Qorti tammonta ghall-abbuz mill-proceduri gudizzjarji.

Illi minn apprezzament tax-xhieda moghtija mill-attrici (a fol. 27 et seq., u 30 *et seq*., tal-process) tat-28 ta’ Jannar 2002 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi jirrizulta illi l-konvenut huwa hati ta’ eccessi (nuqqas ta` manteniment) sevizzi, ingurji, u swat. Dan jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attrici tat-28 ta’ Jannar 2002 (a fol. 34 *et seq*.,tal-process) u dwar ghajjat, tkissir, kliem hazin dawn jirrizultaw mill-istess traskrizzjoni tax-xhieda

tal-attrici tat-28 ta’ Jannar 2002 (a fol. 43 u 44 tal-process).

Illi fil-fatt l-attrici tispjega kif l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus u kien jinghata ghand ommha u wkoll kien jerfa’ jdejh fuq martu u wkoll fuq uliedu. Dan li qed jinghad jinsab ukoll korroborat minn diversi rapporti li saru fl-Ghassa tal-Pulizija (*vide* fol. 66 kif ukoll 75 sa 87) kif ukoll xhieda tal-genituri tal-attrici Joseph u Rita Magri (fol. 68 sa 72). Il-genituri taghha jikkonfermaw li kien hemm darba li giet bi *black eye* d-dar u li kienet mahqura mill-flus biex izzomm il-familja u li kienet anke titlob flus lilhom biex jghinuha u sabiex ma tarax lit-tfal mahqura. Illi a fol. 45 tal-process l-attrici tghid li kellha tbiegh id-deheb kollu ghaliex kienet batuta hafna u a fol. 46 tghid li tbaghti minn *depression*.

Illi minn l-istess rapporti lill-Pulizija jirrizultaw incidenti ta` swat (*vide* rapporti fol. 76) kif ukoll illi t-tifla Caroline hija *habitual absentee* mid-dar. Omm l-attrici tghid li lir-ragel ta` bintha kienu jarawh fil-kumpanija ta’ nisa ohra u li dakinhar stess kien qieghed Scotland u li qieghed ma’ wahda Skocciza, l-indirizz pero’ ma jafuhx. Fin-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut jinghad illi t-tfal l-ohra qeghdin fi stituti. Dawn ic-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom jindikaw illi s-sitwazzjoni tal-glied fid-dar irrendiet il-ko-abitazzjoni mpossibbli u nsopportabbli.

Illi f’diversi sentenzi ohra tal-Qrati fosthom **“Speranza Salerno vs Giuseppe Salerno”** (Vol. XXVIII F p.441) – Onorevoli Imhallef L.A. Camilleri LL.D., sentenza tat-30 ta’ Gunju 1933 gie nfatti ritenut:-

*“che l-avarizia quando e portata agli eccessi puo essere cagione di continue ad incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale”.*

Ill ukoll fis-sentenza **“Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello”** tat-12 ta` Novembru 1999 (VDG – P.A.) jinghad illi *“fil-fehma tal-Qorti il-fatt li r-ragel icahhad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xhih maghha f`dan ir-rigward b`mod li jwassalha biex tirrikorri ghal ghand il-*

*familjari taghha ghall-flus jew ghal stratagemmi bhal ma jidher li wettqet l-attrici jammonta ghal eccessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili"*.

Illi dwar swat kif gja' nghad dan jirrizulta (a fol. 8 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attrici tat-28 ta' Jannar 2002 a fol. 34 tal-process) u dwar ghajjat kliem hazin u tkissir dawn kif gja' nghad jirrizultaw (a fol. 17 *et seq*., tal-istess traskrizzjoni tax-xhieda tat-28 ta' Jannar 2002 a fol. 43 u 44 tal-process). Hemm korroborazzjoni f'rapporti tal-Pulizija a fol. 83 u xhieda tal-ġenituri tal-attrici fis-seduta tat-13 ta` Jannar 2003 (fol. 68 u 72 tal-process).

Illi ghandu jigi osservat qabel xejn illi l-kontendenti Tanya u Emanuel Montesin minn dan iz-zwieg taghhom kellhom sitt itfal li kollha ghadhom minorenni u li huma Caroline (illum sittax-il sena), Roderick (illum hmistax-il sena), Melvyn (illum tlettax-il sena), Annalisa (illum tmien snin) Brandon (illum hames snin) u Ryan (illum tmien xhur).

Illi in kwantu ghad-dar matrimonjali Block E, Flat 5, Wied il-Hesri Siggiewi, dan il-'flat' huwa b'kera minghand il-Gvern, u l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-14 ta` Marzu 2003 (a fol. 99) jghid illi lest illi jassenja sehmu mill-kontenut kollu tad-dar matrimonjali lill-attrici. Min-naha l-ohra a fol. 96 tal-process fin-nota tal-attrici tal-5 ta' Marzu 2003 l-attrici taqbel illi l-vettura Escort tkun assenjata lill-zewgha li ghandu jinghata wkoll gizirana, zewg cpiepet u curkett u ghalhekk dawn ghandhom jigu moghtija lilu.

Illi in kwantu ghall-manteniment is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-intimat sabiex *pendente lite* ihallas lil martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta' Lm10 (ghaxar liri) u ghall-minuri s-somma ta' Lm50 (hamsin lira) pagabbli kull hmistax-il gurnata bil-quddiem fir-residenza tal-attrici direttament minghand l-*employer* tal-konvenut, u cjoe' l-Maltacom, u kif ukoll huwa responsabbli li jhallas l-arretrati kollha tal-kera dawl u ilma kif ukoll il-kontijiet futuri dwar l-istess servizzi. Il-Qorti astjeniet li tipprovdi dwar ir-raba' talba kif ukoll dwar l-ahhar zewg talbiet f'dan l-istadju. (Vide Digriet tas-Sekond' Awla fol. 91).

Illi ghaldaqstant minhabba t-trepass taz-zmien kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz dan l-ammont qed jigi issa ffissat definittivament fl-ammont ta' Lm150 (mija u hamsin lira) fix-xahar. Ghal kull *buon fini* qed jigi dikjarat ukoll illi dan l-ammont ta' Lm150 (mija u hamsin lira fix-xahar) hekk iffissat, ifisser illi l-ammont ta' Lm50 (hamsin lira) huwa ghall-mara u l-kumplament ta' Lm100 huwa ghat-tfal, u ghalhekk l-ammont globali ta` Lm150 (mija u hamsin lira) ghandu jithallas fix-xahar bil-quddiem fir-residenza tal-attrici direttament minghand l-*employer* tal-konvenut li huwa l-Maltacom. Illi *inoltre* l-konvenut jibqa' responsabbli wkoll li jhallas l-arretrati kollha tal-kera li skond id-Dokument "DA1" a fol. 88 tal-process sat-2 ta' Jannar 2003 jammonta ghall-Lm2,285.01,5 u wkoll l-arretrati tad-dawl, u ilma. Illi dawn il-konvenut, ghad li huwa inadempjenti fil-hlas taghhom, ghadu tenut illi jhallashom.

Illi in kwantu ghall-access ghat-tfal waqt illi l-kura u kustodja tat-tfal hija fdata f'idejn l-attrici Tanya Montesin il-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri l-Gimgha mit-3:00 p.m. sas-6:00 p.m. u s-Sibt mis-2:00 p.m. sal-5:00 p.m. meta l-istess ulied ikunu qed jghixu mal-attrici. Illi peress li l-istess ulied bhalissa jinsabu fl-istituti minhabba li l-attrici qed tbaghti minn kundizzjonijiet ta' sahha, din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex taghmel *tramite* s-social workers taghha *monitoring* u supervizjoni tas-sitwazzjoni b'mod li fl-interess tal-ulied jigi stabbilit meta l-istess minuri jkunu jistghu jmorru jghixu fir-residenza tal-attrici, u ghal dan l-iskop l-istess social workers ta' appogg ghandhom jikkomunikaw kemm mal-attrici kif ukoll mal-persuni responsabbli mill-istess djar tat-tfal.

Illi sakemm l-istess minuri jew whud minnhom jdumu fl-istess istituti, l-access ghat-tfal fl-istituti jista' jsir skond l-istess hinijiet u granet tal-visiti lill-imsemmija stituti, u kif ukoll mill-genituri flimkien ghaliex dan jidher li jkun fl-interess tal-istess tfal. B'dan pero' illi waqt il-kura u kustodja u l-access hawn determinat kemm mal-attrici kif ukoll mal-konvenut, il-minuri m'ghandhomx ikunu fil-

prezenza ta’ terzi persuni tat-sess oppost li mhux parti tal-familja ta’ wiehed mill-kontendenti u kif wkoll waqt l-istess prezenza tal-partijiet mal-istess minuri l-ebda parti m’ghandha taghmel referenza ghall-genitur l-iehor, aktar u aktar b’mod negattiv.

Illi in kwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti (ara seduta tat-13 ta’ Jannar 2003 (fol. 73) u nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici (fol. 95), dawn jikkonsistu f’salott li sewa hames (Lm500), *television* Grundig u *video recorder* Panasonic li jiswew xi Lm650 bejniethom, filwaqt li utensili ohra ghal uzu fid-dar kienu mghoddija mill-Community Chest Fund. Hemm ukoll vettura Escort illi kif gja’ nghad (a fol. 96 tal-process – fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici tal-5 ta’ Marzu 2003) – l-attrici taqbel illi din tkun assenjata lil zewgha.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut tal-14 ta’ Marzu 2003 u rigward il-kontenut tad-dar matrimonjali jinghad illi l-konvenut lest li jassenja sehmu mill-kontenut kollu tad-dar matrimonjali lill-attrici (*vide* fl-ahhar paragrafu fol. 98) u ghalhekk l-istess oggetti kollha hemm indikati ghandhom jigu assenjati lill-attrici.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa’ t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni b’dan illi:-

(1) Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Montesin u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut Emanuel Montesin u dan minhabba eccessi, sevizzi, ingurji, u swat, *oltre* l-inkompatibbilta tal-karattru u li kawza tal-istess agir tal-konvenut illum z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

(2) Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici u tafda l-kura u kustodja tas-sitt (6) uliedha kollha minorenni f`idejn l-attrici b’dan illi l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri il-Gimgha mit-3:00 p.m. sas-6:00 p.m. u s-Sibt mis-2:00 p.m. sal-5:00 p.m. kif gie miftiehem mill-partijiet u l-Qorti qed

taddotta l-istess arrangament. Illi diment li l-istess ulied jew whud minnhom jkunu qed jirrisjedu f'xi istitut l-access ghat-tfal fl-istituti jista' jsir skond l-istess hinijiet u granet tal-visti tal-imsemmija stituti u dan jista anke jsir mill-genituri flimkien ghaliex dan huwa fl-interess tal-istess ulied b'dan pero' illi waqt il-kura u kustodja u access hawn determinat, kemm mal-attrici kif ukoll mal-konvenut, il-minuri m'ghandhomx ikunu fil-prezenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux parti tal-familja ta' wiehed mill-kontendenti u li wkoll waqt l-istess prezenza tal-partijiet mal-istess minuri l-ebda parti ma ghandha taghmel referenza ghall-genitur l-iehor, aktar u aktar b'mod negattiv.

Illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex *tramite* s-*social workers* taghha diretti mis-*social worker* Therese Micallef, taghmel mid-data ta' din id-decizjoni *monitoring* u supervizjoni tas-sitwazzjoni b'mod li fl-interess tal-ulied jigi stabbilit meta l-istess minuri jkunu jistghu jmorru jghixu fir-residenza tal-attrici, u ghall dan l-iskop l-istess *social workers* ta' l-Agenzija Appogg ghandhom jikkommunikaw kemm mal-attrici kif ukoll mall-persuni responsabbli mill-istess djar tat-tfal, u mal-istess ulied tal-kontendenti, inkluz Caroline Montesin, u f'dan l-ezercizzju l-istess *social workers* ghandhom isegwu l-progress ta' l-istess ulied kollha kemm fl-istituti, kif ukoll waqt r-residenza taghhom, anke eventwali mal-attrici u wkoll fil-hinijiet ta' access lill-konvenut, u jirregistraw l-istess evalwazzjoni u r-rakkomandazjonijiet taghhom mal-Awtoritajiet kompetenti permezz ta' rapporti perjodici ta' mhux anqas minn xahrejn il-wiehed, u jiehdu in konsiderazzjoni anke l-possibbilta' li tinhareg *Care Order* appozita fuq l-istess ulied jew uhud minnhom.

Illi il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-attrici lic-*Chief Exeutive Officer* jew kap tal-Agenzija Appogg sabiex isiru minnu in-nomina tas-*social workers* taht id-diirezzjoni tas-*social worker* Therese Micallef ghall-iskop indikat fl-istess decizjoni, u ghandha ssir notifika ukoll lill-Direttur tac-Centru Hidma Socjali, u lill-

kapijiet kollha tal-istitituti fejn attwalment qed jirresjedu l-ulied jew uhud mill-ulied tal-kontendenti.

(3) Tilqa’ t-tielet talba attrici u tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici u ghal uliedha minuri kollha fl-ammont ta` Lm150 (mija u hamsin lira) fix-xahar li jithallas bil-quddiem, direttament lill-attrici minghand l-*employer* u cjoe’ l-Maltacom p.l.c. fir-residenza tal-attrici u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja ta’ din is-sentenza lill-Maltacom plc. sabiex l-istess socjeta’ taderixxi ruhha mal-istess ordni hawn moghtija.

Illi ghal kull *buon fini* qed jigi dikjarat illi dan l-ammont ta’ mija u hamsin lira jfisser illi l-ammont ta’ Lm50 (hamsin lira Maltija) qed jigi ffissat bhala manteniment ghall-attrici minn zewgha l-konvenut u l-kumplament fl-ammont ta’ Lm100 (mitt lira Maltija) huwa ghat-tfal. Ghalhekk l-ammont globali ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) ghandu jithallas bil-quddiem direttament lill-attrici mill-*employer* u cjoe’ l-Maltacom fir-residenza tal-attrici attwali kif gja’ nghad. I*noltre* l-konvenut ghandu jhallas l-arretrati kollha ta’ kera sad-data ta’ din is-sentenza, li sad-data tat-2 ta’ Jannar 2003 skond id-dokument esebit a fol. 88 tal-process kien gja’ jammonta ghall-Lm2,285.01,5 u dawk tad-dawl u ilma u l-kontijiet kollha tal-istess servizzi u wkoll kull arretrati ta’ manteniment *pendente lite* li talvolta ghadhom hekk dovuti sal-llum.

Illi l-Qorti tordna wkoll li jigu applikati fil-konfront tal-konvenut *in toto* d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 52 u 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

(4) Tilqa’ r-raba talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett mid-data tas-17 ta’ Mejju 2000, data meta l-istess attrici pprocediet ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.

Illi din il-Qorti tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti fil-kera tal-fond Block E, Flat 5, Wied il-Hesri, Siggiewi, u l-oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar inkluzi s-salott, *television* u *video*, u l-oggetti li gew

kkonsenjati lill-attrici mill-Community Chest Fund inkluzi l-*fridge, freezer, washing machine, nappies, cooker* u hwejjeg; ma' dawn ghandhom jigu nkluzi l-vettura Escort li gja' tinsab fil-pussess tal-konvenut u gizirana, zewgt icpiepet u curkett.

Illi din il-Qorti konsegwentement tiddividi l-istess komunjoni billi tassenja lill-attrici l-kera tal-istess fond Block E, Flat 5, Wied il-Hesri, Siggiewi, b'dan ghalhekk li din il-Qorti tordna li mid-data ta' din is-sentenza l-kera tal-istess fond iddur esklussivament fuq l-attrici, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja ta' din is-sentenza lis-Sid attwali jew lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex dan isehh *ai termini* ta' din is-sentenza. Din il-Qorti tassenja wkoll lill-attrici l-oggetti kollha mobbli li hemm fl-imsemmi fond inkluzi s-salott, *television* u *video*, u l-oggetti li gew kkonsenjati lill-attrici mill-Community Chest Fund inkluzi l-*fridge, freezer, washing machine, nappies, cooker* u hwejjeg u b'dan illi sehem il-konvenut mill-kontenut kollu tad-dar jigi assenjat lill-attrici, kif jidher li l-istess konvenut accetta anke *tramite* n-nota pprezentata minnu.

Illi fl-istess waqt din il-Qorti tassenja lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti l-vettura Escort tas-snin sittin, u wkoll zewg cpiepet, curkett u gizirana filwaqt li kif fuq premess l-istess konvenut qed jigi kkundannat sabiex ihallas l-arretrati kollha tal-kera tal-fond fejn tirrisjedi l-attrici li sat-2 ta' Jannar 2003 kien ilahhaq gja' l-ammont ta' Lm2,285.01,5 kif ukoll l-arretrati kollha tad-dawl, ilma u l-kera tal-istes servizzi tal-istess fond, apparti l-hlas tal-arretrati ta' manteniment dekretat *pendente lite.*

(5) Tilqa' l-hames talba u *stante* li l-koabitazzjoni fl-istess dar saret impossibbli, u tawtorizza lill-attrici flimkien ma' wliedha lkoll minorenni, ad eskluzjoni tal-konvenut tibqa' tghix fid-dar matrimonjali u ghalhekk taghti lill-konvenut terminu qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex jallontana ruhu mid-dar.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------